# L-Oriġini tal-Kappella tal-Blat

## Misjuba f'manuskritt kontemporanju ta' Patri Pelaġju

**Minn: Daniel Meilak B.A. (Hons), M.A.**

Hekk kif taqbeż is-santwarju antik u devot tal-Immakulata Kunċizzjoni fil-Qala u taqbad in-niżla lejn Ħondoq ir-Rummien, f'nofs it-triq fuq il-lemin tilmaħ daqsxejn ta' kappella timraħ fis-skiet fuq il-fliegu li jifred lil Għawdex minn Kemmuna li f'xi waqtiet ikun jgħaxxqek u kalm qisu ħġieġ, f'oħrajn iwaħħxek bil-qawwa tal-mewġ irid jibla' l-art u r-riħ ivenven ma' kullimkien. Kappella żgħira, b'faċċata sempliċi u umli, iżda kkurata u miżmuma tajjeb ħafna. Dan l-artiklu jesponi l-istorja tal-orġini ta' din il-kappella, li s'issa kienu mistura, minn manuskritt ta' ċertu valur storiku miżmum fl-Arkivju tal-Katidral tal-Imdina f'Malta.

**Is-sitwazzjoni tal-parroċċa li fiha nbniet il-kappella lejn nofs is-seklu sbatax:**

Il-parroċċa li kienet tkopri l-Lvant ta' Għawdex, imwaqqfa mill-Isqof Davide Cocco Palmieri fl-1688, kienet kibret ġmielha fin-numru ta' abitanti. Waqt li fl-1667 kien hemm joqogħdu fiha 327 ruħ,[1] fl-1728 kien hemm 843, fl-1755 1,378, u fl-1781 kien hemm 1,927 ruħ.[2] F'dak li għandu x'jaqsam ma' territorju, il-parroċċa kienet tkopri dawk li llum huma l-Qala, in-Nadur, Għajnsielem, l-Imġarr u Kemmuna. Fiha sa nofs is-seklu tmintax kien hemm erba' knejjes jew kappelli – il-knisja parrokkjali ta' San Pietru u San Pawl, il-knisja filjali tal-Immakulata Kunċizzjoni, dik ta' Santa Marija tal-Eġittu f'Kemmuna u ta' San Martin fit-torri Garzes tal-Imġarr. Il-parroċċa kienet ilha mmexxija mill-kappillan Dun Salvatore Galea (1712-1778) sa mill-1743 u dan ħadem ħafna f'diversi oqsma u nħawi ġeografiċi tal-parroċċa li kienet fdata f'idejh. Fosthom insibu li fil-parrokat tiegħu komplew isiru opri fil-kappella tal-Madonna tal-Eġittu f'Kemmuna, bdiet issir purċissjoni tal-Gandlora mill-knisja parrokkjali sal-knisja tal-Kunċizzjoni, inġab il-fdal ta' San Koronatu, u anke kompla jieħu ħsieb il-bżonnijiet spiritwali u materjali tal-parruċċani tiegħu. L-akbar opra fiżika li ħalla l-kappillan Galea kienet li ta bidu għall-knisja parrokkjali ġdida minħabba li l-antika (li kienet inbniet wara t-twaqqif tal-parroċċa) kienet saret ċkejkna wisq.[3]

**Il-kappella tal-Blat u l-kitba ta' Patri Pelaġju:**

S'issa, it-tagħrif dwar il-kappella ċkejkna magħrufa bħala tal-Blat fil-Qala kien skars wisq. Kien hemm il-ħjiel li din inbniet x'imkien wara l-ewwel nofs tas-seklu tmintax. Diversi kittieba dan l-aħħar snin taw dati diverġenti, pereżempju Lawrenz Theuma jsemmi l-1780[4] waqt li Joseph Bezzina jagħti l-1770ijiet.[5] In-nuqqas ta' informazzjoni dwar il-ġenesi tal-kappella ta lok għal spekulazzjonijiet, bħal pereżempju li l-kappella nbniet frott ta' wegħda li saret mis-sajjieda. Dan iżda baqa' biss spekulazzjoni għax id-dokumentazzjoni kienet nieqsa u l-istorja trid tinbena fuq evidenza konkreta u raġunata. Marbuta ma' din il-kappella teżisti wkoll leġġenda li offriet tentattiv ta' spjegazzjoni dwar il-bidu tagħha.

Il-leġġenda tirrakkonta kif il-Kemmunin kienu jiddependu għall-quddies ta' kuljum għal kollox minn qassis li ried jaqsam minn Għawdex. Iżda fi ġranet ta' maltemp, li wieħed jaqsam kienet tkun diffiċli jekk mhux impossibbli wkoll. Għalhekk il-Kemmunin qatgħuha li jibnu kappella ċkejkna fuq il-Blat ta' fuq ir-riħ ta' Ħondoq ir-Rummien sabiex fi ġranet ta' maltemp qawwi, huma jkunu jistgħu jinġabru f'post msejjaħ Għar Għana u jsegwu l-quddiesa li ssir ġo din il-kappella ċkejkna. Leġġenda ħelwa u popolari li tixhed l-importanza tal-quddiesa ta' kuljum fil-ħajja tal-Għawdxin ta' żminijiet oħra. Waqt li fil-folklor tal-lokal leġġendi bħal din għandhom valur għoli ħafna, fl-istorja bħala dixxiplina wieħed irid joqgħod ferm aktar attent, għaliex sakemm ma jkunx hemm bażi ta' kitba, il-leġġenda tibqa' biss ... leġġenda – storja li tista' tkun kollha, jew biċċa minnha fittizja, li tixhed il-mentalità tal-perjodu u tal-qasam soċjali li fih tkun trawmet.



Iżda manuskritt li nkiteb bejn l-1764 u l-1778 minn Kapuċċin minn Ħaż-Żebbuġ, Patri Pelaġju Mifsud Piscopo joffri ftit informazzjoni interessanti dwar il-bidu tal-kappella tal-Blat. Dan huwa manuskritt ta' għoxrin paġna li jitratta kollu kemm hu fuq il-parroċċa tal-Lvant ta' Għawdex, li skont hu kienet iddedikata lil San Pietru u San Pawl flimkien mal-Immakulata Kunċizzjoni – u jinkludi fih tagħrif toponomastiku, ġeografiku, storiku u anke soċjali. Ma jonqosx li jidħol ukoll fuq il-knejjes jew kappelli li kien fiha. Jidħol fid-dettall b'mod speċjali fuq il-knisja parrokkjali u dik tal-Kunċizzjoni b'dak kollu li kien fihom. Manuskritt imprezzabbli għad-dokumentazzjoni li fih. Proprju meta jasal biex itemm dak li kellu xi jgħid fuq il-knisja devota tal-Kunċizzjoni tal-Qala, idur biex fil-qosor jikteb dwar il-kappella tal-Blat. U hawn nidħlu aktar fid-dettall dwar il-qofol ta' dan l-artiklu.



**Tagħrif ġdid fuq il-kappella:**

Patri Pelaġju jikteb kif teżisti *'cappellina'* li ġiet mibnija fl-1760 f'ġieħ il-Verġni Mbierka fuq ir-riħ ta' Ħondoq ir-Rummien ('Chandaq i Rommien'). Jidher li kienet id-devozzjoni ta' ċertu wieħed jismu Michele Spiteri li wasslitu biex jibni minn flusu din il-kappella. Dan Michele Spiteri kien gabillott (*'Gabelotto'*) minn Kemmuna. Mhux biss Michele. Mal-flus tiegħu kien hemm magħquda wkoll il-flus ta' ieħor jismu Andrea Spiteri, possibilment qaribu. Inċidentalment, l-1760 hija wkoll is-sena li fiha l-kappillan Galea poġġa l-ewwel ġebla tal-knisja parrokkjali l-ġdida tal-parroċċa ta' San Pietru u San Pawl, li fiha nbniet l-kappella tal-Blat.

Imma għaliex inbniet din il-kappella f'dan il-post? Għaliex ġiet iddedikata lill-Immakulata Kunċizzjoni wkoll bħall-oħra li kien hemm ftit 'il fuq minnha? Għaliex issejħet dejjem 'tal-Blat'? Dawn huma kurżitajiet li jistgħu jiġu mtaffija minn din il-kitba ta' Patri Pelaġju. Dan jikteb li qabel ma nbniet il-kappella li hemm illum, fl-1751 ċertu wieħed jismu Andrea Portelli mir-Rabat ta' Għawdex, frott ta' devozzjoni li kellu, ħallas minn butu għal statwa tal-Kunċizzjoni, diġà msejħa 'tal-Blat' sa minn dan iż-żmien. Hemm imniżżel li l-istatwa kienet magħmula mill-ġebel jew blat, u jista' jagħti il-każ li ssejħet 'Madonna tal-Blat' għaliex proprju nafu li l-istatwa kienet magħmula mill-ġebel (*'statua di pietra nostrale'*).[6] Mela l-indikazzjoni hija li t-titlu 'Madonna tal-Blat' kien diġà jeżisti minn qabel ma nbniet il-kappella, u kien attribwit lill-istatwa li telgħet fl-1751. Il-laqam tal-Blat għal din il-kappella mela mhux ġej mill-fatt li mibnija fuq il-blat, imma minħabba li din l-istatwa kienet tissejjaħ 'tal-Blat'. Għaliex Portelli ddeċieda li jagħmel din l-istatwa f'dan il-post għadu misteru.

L-istatwa saret minn idejn Giovanni Caruana.[7] Dan Giovanni Caruana ftit li xejn hemm informazzjoni dwaru. Ir-Rabtin ta' Malta jiddikjaraw li sa fejn nafu s'issa, l-unika xogħol li nafu bih li ħareġ minn idejn dan l-iskultur hija l-istatwa titulari ta' San Pawl tar-Rabat li saret lejn l-1770.[8] Imma issa, skont ix-xhieda ta' Patri Pelaġju, nafu wkoll li dan l-iskultur ħadem ukoll l-Immakulata Kunċizzjoni magħrufa bħala 'tal-Blat' fl-1751. Din l-istatwa tissemma' fil-viżti pastorali ta' wara. Fl-ewwel viżta pastorali li qatt saret lil din il-kappella mill-kappillan Dun Francesco Sapiano (1736-1812) iddelegat mill-isqof, il-kappillan ordna li l-istatwa tal-Kunċizzjoni li ħadem Caruana ma tibqax hemm, imma tittieħed f'post aktar sikur.[9]

Fl-10 ta' Mejju 1783 kien l-Isqof Mons. Vincenzo Labini (1735-1807) stess li niżel f'din il-kappella u fil-viżta pastorali hemm konferma ċara li din l-istatwa ta' Caruana kienet tal-ġebel (*'statuam lapideam'*). Dak in-nhar, l-isqof Labini innota li l-kappella kien fiha pittura titulari u li l-istatwa tal-Kunċizzjoni kienet għadha hemm. Dan ordna li din tittella' fuq il-faċċata tal-kappella. Wara li żarha, l-Isqof, bis-salib quddiemu tela' lura lejn id-dar parrokkjali fin-Nadur biex jgħaddi l-lejl ħalli mbagħad l-għada jkompli bil-viżta tiegħu fil-knisja parrokkjali.[10] Fil-fatt, l-istatwa kellha ddum hemm mhux ħażin. Kien imbagħad fl-1887, meta l-kappillan tal-Qala Dun Giuseppe Diacono (1847-1924) temm il-proġett ta' rinovar tal-knisja tal-Kunċizzjoni, li l-istatwa oriġinali tal-Madonna tal-Blat ġiet trasferita f'niċċa mibnija fil-faċċata tas-santwarju fejn għadha hemm sal-lum.[11] Hija statwa ta' ċertu valur, li issa nstab aktar tagħrif dwar min ħallasha, min ħadimha u meta saret.

**Sant'Indrija fuq il-ventartal:**

L-ismijiet li semmejna ta' Andrea Spiteri li ħallas parti mill-ispejjeż tal-bini tal-kappella fl-1760 u Andrea Portelli li ħallas għall-istatwa fl-1751 jistgħu joffru wkoll materjal għal iktar profondità f'din il-ġrajja. Huwa maħsub s'issa li l-ventartal li kien jinsab fil-kappella tal-Blat u li llum ġie restawrat u ttieħed



fil-knisja parrokkjali tal-Qala, u li kien fih ix-xbieha ta' Sant'Andrija fuqu kien kollu kemm hu marbut mas-sajjieda. Dan għaliex Sant'Andrija huwa popolarment marbut mas-sajjieda u jekk wieħed iħares per eżempju lejn ix-Xlendi, it-Triq tal-Għajn u Għajnsielem, dan huwa l-każ. Iżda fil-Qala u fin-Nadur (li fih kien hemm il-knisja parrokkjali), ma jidhirx li dan kien il-każ. Anzi nafu li f'dawn iż-żewġ reġjuni, il-protettur invokat mill-baħħara kien San Franġisk ta' Paola, wara li leġġenda tgħid li dan kien qasam fuq mantar mill-Italja għal Sqallija. Fil-fatt, fil-knisja parrokkjali ta' San Pietru u San Pawl minn dejjem kien hemm artal iddedikat lilu, u għall-pittura waħda, kien hemm tnejn tiegħu, waqt li l-festa tiegħu nhar it-2 ta' April kellha ċerta importanza fost il-poplu u kienet issir b'solennità.

Mela kif seta' Sant'Andrija sab ruħu fuq il-ventartal tal-kappella tal-Madonna tal-Blat? Possibilment, dan minħabba jew Andrea Portelli li ħallas l-istatwa jew Andrea Spiteri li ħallas parti sostanzjali mill-ispejjeż tal-bini tal-kappella. Seta' wieħed minnhom għamel xbieha tal-qaddis li jġib ismu fuq il-ventartal? Hemm allura l-probabilità li Sant'Andrija mhux minħabba r-rabta tas-sajjieda li għamlu xi wiegħda li sab ruħu hemm, imma frott isem min ħallsu, li jista' jkun sajjied hu wkoll, u għax nafu wkoll li dan kien diġà hemm sal-1781 (dsatax-il sena wara l-bini tal-kappella) meta saret il-viżta pastorali mill-kappillan Sapiano. [12]

**L-ewwel snin tal-kappella**

Il-manusrkitt ta' Patri Pelaġju nkiteb biss ftit snin wara l-bini ta' din il-kappella u jagħtina tagħrif siewi dwar l-istat tagħha. Il-kappella (*'chiesina'*) ġibdet ċerta devozzjoni lejha min-nies tal-inħawi. Fit-22 ta' Novembru tal-1768, li kien is-Sibt, il-Provigarju Cauchi li kellu l-fakultà mogħtija mill-Isqof ta' Malta Mons. Bartolomé Rull (1691-1761), bierek lill-ġemgħa taħt it-titlu tal-Madonna tal-Blat. L-għada, li kien l-ewwel Ħadd tal-Avvent, dan qaddes fl-istess kappella. Għall-festa tal-Madonna tal-Blat, Andrea Portelli amar li jkun hemm tliet snin perpetwi (flimkien mas-sitta ta' qabel) ta' mixegħla ta' lampa, u dan kollu sar b'att uffiċjali. F'dawn l-ewwel snin tagħha, sa fejn iwassal dan id-dokument, Patri Pelaġju jikteb li din il-kappella kienet meqjuma, ikkurata u frekwentata minn diversi abitanti tal-madwar. L-abitanti ta' dawk l-inħawi ħadu ħsieb ukoll li jkun hemm lampa mixgħula kontinwament f'din il-kappella.[13]

Il-kappella tal-Madonna tal-Blat llum il-ġurnata hija miżmuma fi stat tajjeb ħafna u għadu jsir użu frekwenti minnha, kif ukoll tiġi ċċelebrata l-festa tal-Madonna tal-Blat nhar it-tieni Ħadd ta' Mejju. ■




Riferenzi

1 http://aboutmalta.com/gozo/bezzina2.html (aċċ.19 ta' April 2015)

2 Joseph Bezzina and Joseph Muscat, *Nadur. The Village of the Rising Sun* (In-Nadur, Nadur Local Council u Gaulitana, 2007), 23.

3 Ara Alexander Bonnici, *In-Nadur: Ġrajjiet Kolleġġjata u Bażilika Mxebilkin fil-Ħajja Soċjali ta' Għawdex*, Vol. 1, (Malta, Storja 11, 1984), 195-238.

4 Lawrenz Theuma, *Il-Qala Matul iż-Żminijiet* (Għawdex, 2010), 193

5 Joseph Bezzina, *Qala. The Village with Valleys and Views* (Il-Qala, Qala Local Council u Gaulitana, 2003), 45.
Joseph Bezzina, *Gems of Gozo. An Appreciation of Twenty Chapels* (Ir-Rabat-Għawdex, Millenium Celebrations Committee u Gaulitana, 1999), 47.

6 Arkivju tal-Katidral ta' Malta [AKM], *Misc.*, 55, f. 159v.

7 Ibid.

8 Ara http://sanpawl.rabatmalta.com/?page_id=726 (aċċ. 19 ta' April 2015).

9 Arkivju Arċiveskovili ta' Malta [AAM], *Visit.*, Vol. XXXIX, Labini (1781), f. 175v-176v.

10 AAM, *Visit.*, Vol. XL Labini (1783-1784), f. 72v.

11 Bezzina 2003 , 43.

12 AAM, *Visit.*, Vol. XXXIX, Labini (1781), f. 175v-176v.

13 [AKM], *Misc.*, 55, f. 159v.